MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 30/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta’ l-attur ppreżentat fil-25 ta’ Jannar, 2008 li permezz tiegħu espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fil-21 ta’ Awissu 1993, skond kif jidher miċ-Ċertifikat taż-żwieġ tagħhom illi kopja tiegħu qed tiġi annessa ma’ dan ir-rikors u esebita u mmarkata bħala Dok. A., u sseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Robert John Muscat, nhar it-13 ta’ Ġunju 2007, u dan kif jidher mill-kopja relattiva tal-kuntratt, li qed tiġi

annessa ma' dan ir-rikors, u esebita u mmarkata bħala Dok. B;

2. Illi l-kontendenti ltaqgħu fuq il-post tax-xogħol meta l-attur kellu għoxrin (20) sena u l-konvenuta kellha tmintax–il (18) sena;

3. Illi l-kontendenti kienu ħassru l-għerusija tagħhom, sena u nofs qabel iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, meta l-konvenuta telqet lill-attur mingħajr ma offriet l-ebda spjegazzjoni għal dan l-aġir tagħha, u dan minkejja illi dak iż-żmien, missier l-attur kien qiegħed imut bil-marda tal-kanċer, u l-attur kien emottivament provat ħafna minħabba din is-sitwazzjoni;

4. Illi appena l-konvenuta ħassret l-għerusija, hija kienet siefret lejn l-Italja ma' oħtha, u meta rritornat mis-safra, kienet talbet lill-attur sabiex jerġgħu jibdew joħorġu flimkien u jkomplu bil-pjanijiet għat-tieġ bħal li kieku ma kien ġara xejn. L-attur ma kienx jaf għaliex il-konvenuta kienet telqitu – fatt illi effettivament baqa' jiġi mistur, malizzjożament mill-konvenuta, sa snin wara ż-żwieġ tal-partijiet meta l-konvenuta kienet ammettiet illi f'dan iż-żmien hija kellha relazzjoni ma' ġuvni Taljan għal ftit xhur (minn wara dahar l-attur) – ħaġa illi kieku kienet magħrufa qabel lill-attur, kienet ċertament twasslu sabiex ma jiżżewwiġx lill-konvenuta;

5. Illi wara ż-żwieġ, il-konvenuta wriet ruħha inkapaċi illi tkun fidila lejn żewġha, u dan billi ttradiet lill-attur ripetutament, ma' rġiel differenti sa minn ferm kmieni fil-ħajja miżżewġa. Peress illi sa meta skopra l-ewwel tradiment ta' martu, il-kontendenti kien laħaq kellhom lil binthom il-kbira, l-attur kien ħafer lil martu ripetutament, sakemm fl-aħħar, snin wara rrejalizża illi martu verament kellha l-vizzju ta' l-infedelta' u qatt ma ħabbitu – b'mod illi kellu jaċċetta s-separazzjoni personali tagħhom;

6. Illi fil-fatt il-konvenuta llum tgħix ma' C, illi miegħu hija ilha tintrattjeni relazzjoni adultera għal diversi snin, u saħansitra għal snin sħaħ qabel ma l-partijiet isseparaw bonarjament;

7. Illi matul is-snin taż-żwieġ, proprju minħabba l-varji tradimenti tagħha, u b'konkomittanza ma' l-istess, il-konvenuta sofriet minn kundizzjonijiet psikjatriċi, senjatament id-*depression* u kienet anki suwiċidjali;

8. Illi in vista tat-tradimenti tal-konvenuta sia qabel, sia wara ż-żwieġ, l-attur illum jaf illi l-konvenuta qatt ma kienet verament tħobbu, wisq anqas meta żżewġitu, u l-mod kif ġabet ruħha ma' l-attur matul iż-żwieġ, juri biċ-ċar illi l-konvenuta żżewġitu għal skopijiet tagħha, illi huma għal kollox estranei mill-għan taż-żwieġ – forsi sabiex taħrab mis-sikkaturi mposti mill-ġenituri tagħha f'darhom, jew sempliċiment sabiex ma jkollha lil ħadd fuqha jqisilha passiha u jżommha milli tagħmel dak li trid;

9. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attur.

10. Illi l-preżenti proċeduri qiegħdin isiru sabiex iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Awissu 1993, jiġi dikjarat null u bla effett skond il-Liġi, għar-raġunijiet fuq premessi, u senjatament *stante* illi l-kunsens ta' l-attur kien eskluż minhabba żball fuq l-identita' tal-parti l-oħra, *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(b) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975;

11. Illi ż-żwieġ tal-kontendenti huwa null ukoll għaliex il-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li setgħet mix-xorta tagħha, tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(c) tal-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975;

12. Illi ż-żwieġ tal-kontendenti huwa null ukoll peress illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b' anomalija psikoloġika serja illi għamlitha mpossibbli għall-istess illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ;

13. Illi ulterjorment, iż-żwieġ tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, għall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ, *stante* illi l-kunsens tal-partijiet, u ċertament dak tal-konvenuta, ingħata bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-Att taż-Żwieġ.

Għaldaqstant l-attur, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti nhar il-21 ta' Awissu 1993 huwa null u bla effett fil-ligi għall-fini tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(b), (c), (d) u (f) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ppreżentata fit-22 ta' Mejju 2008 li permezz tagħha qalet bil-qima:

1. Illi l-eċċipjenti taqbel illi ż-żwieġ *de quo* għandu jiġi dikjarat null u bla effett fil-Liġi, iżda mhux għar-raġunijiet mogħtija mill-attur;

2. Illi mhux minnu li l-kunsens ta' l-attur ġie miksub bi żball ta' l-identita' tal-parti l-oħra *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(b) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ imputabbli lill-eċċipjenti;

3. Illi lanqas ma hu minnu illi l-kunsens ta' l-attur ġie miksub b'xi qerq kif intiż mill-Artikolu 19(1)(c) ta' l-Att Dwar iż-Żwieġ imputabbli lill-eċċipjenti;

4. Illi huwa minnu pero' li l-kunsens taż-żewġ partijiet jew min minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha mpossibbli għall-istess illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ;

5. Illi minn dan jista' jsegwi li jaf li ż-żewġ partijiet jew min minnhom, setgħu eskludew iż-żwieġ innifsu jew wieħed jew aktar mill-elementi tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt ta' l-att taż-żwieġ *ai termini* ta' l-Artikolu 19(1)(f) ta' l-Att dwar iż-żwieġ, iżda din għandha tirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenuta ppreżentata fid-29 ta' Diċembru 2008 li permezz tagħha qalet bir-rispett:

1. Illi l-kunsens tagħha ġie eskluż bi żball u b'qerq, imputabbli lill-attur, kif kontemplat fl-Artikoli 19(1)(b) u (c) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-attur.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attur, u ta' ohrajn;

Rat l-affidavit ta' C;

Rat il-verbal tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarja Dr Barbara O' Brien, nominata għal dan l-iskop;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-31 ta' Ottubru 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1993 a bażi ta' l-artikolu 19 (1) (b) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta taqbel għal raġunijiet imputabbli lill-attur; iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin f'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-

liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn m'aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċjożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru 1991).

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw is-sub-inċiżi segwenti;

19 (1) (b) – il-kunsens inkiseb bi żball dwar l-identita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – il-kunsens ingħata b-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew xi element essenzjali tiegħu.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar 2006) ;

Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili u ċioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u

ċioe’ li ż-żwieġ huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.

Is-sub-inciz (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affetwat b’anomalija psikoloġika serja u tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta’ min jenfasiżża hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha mpossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Rigward id-dispożizzjoni kontenta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta’ l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b’att pożittiv tal-volonta’ ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u għandu jiġi enfasiżżat li nullita’ ta’ żwieġ bażata fuq il-kawżali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita’ ta’ żwieġ minħabba nuqqas ta’ esklużjoni ta’ ġudizzju. L-inkompatibbilta’ bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju timplika inkapaċita’ li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita’ intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta’ li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali.

Fil-kawża <u>Nicholas Agius vs Rita Agius</u> (25 ta’ Mejju 1995) intqal illi b’ ifett serju ta’ diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta’ immaturita’; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista’ tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita’ sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta’ *discretio judicii* hu kunċett ġuridiku ntrinsikament marbut mal-kapaċita’ ta’ parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha ghar-rabta taż-żwieġ. F’dan is-sens

ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.

Ħafna mill-provi mressqa fil-verita' iktar huma idoneji għal kawża ta' separazzjoni milli waħda ta' annullament, madankollu jidher ċar għall-Qorti illi dan iż-żwieġ kien kif jgħidu l-Inglizi *a non starter* u destinat illi jfalli u dan *nonostante* għerusija pjuttost twila. Għalhekk diffiċli wieħed jifhem kif wara numru ta' snin jafu lil xulxin il-partijiet xorta baqgħu ma jafux lil xulxin tajjeb biżżejjed biex jgħixu flimkien u issa f'dan il-kawża l-attur jakkuża lill-konvenuta b' infedeltajiet (anke qabel iż-żwieġ) u l-konvenuta takkużah li kien biered wisq (l-iktar mill-lat sesswali) fil-konfront tagħha. Huwa għalhekk probabbli li l-partijiet kienu sesswalment inkompatibbli billi l-aptit tagħhom fir-rigward ma seta' qatt ikollu punt ta' konverġenza. Il-konvenuta wkoll tgerger mill-fatt li l-attur kien fi kliemha iktar moħħu fil-*football* (hu kien jilgħab spiss il-loghba ma' sħabu) milli fiha; l-attur tella' xhud biex jgħid li l-konvenuta kienet l-unika mara li tmur tarahom jilgħabu! Fil-verita' l-Qorti issib li l-partijiet anke bil-mod kif xehdu u ikkonduċew il-kawża għadhom sa issa juru ċerta immaturita' u l-akkużi reċiproċi *sia pure* mhux kollha, jidhru ġustifikati fis-sens li r-raġunijiet li jwasslu għall-annullament huwa mputabbli lit-tnejn li huma a bażi tas-sub-inċiż (d).

**Għalhekk il-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ ċelebrat bejn il-partjiet fil-21 ta' Awissu 1993; spejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------